**14 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

***versus***

**Carmel Fenech**

**"Third Party Risks" — "Learner's Licence" — Ċitazzjoni — Korrezzjoni.**

*Ladarba l-imputat hu mħarrek talli ppermetta lil persuna oħra ssuq karrozza mingħajr liċenza tal-Pulizija, għax din il-persuna saqet il-karrozza f'ħin projbit bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-liċenza li ġiet lilu mogħtija biex jitgħallem isuq, u b'hekk ma kienx kopert bil-polza tas-sigurtà għar-riskji tat-terzi persuni, u l-Maġistrat isibu ħati skond iċ-ċitazzjoni u jikkundannah għall-piena preskritta mill-liġi, jekk l-imputat jappella minn dik is-sentenza, u fl-appell jirriżulta illi l-imputat saq mhux f'ħin projbit, imma f'post li ma kienx kompriż fil-lokalità li għaliha kienet ristretta dik il-liċenza, l-imputazzjoni ma hix pruvata.*

*Għax il-provi ma jurux li hu saq il-karrozza barra l-ħinijiet indikati fil-liċenza; u dik l-imputazzjoni ma treġix, għax iċ-ċitazzjoni ma ġietx b'xi mod korretta, u lanqas jingħad xort'oħra fis-sentenza appellata. U la ma ġietx korretta ċ-ċitazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, ma tistax issir il-korrezzjoni tagħha fis-sede tal-appell.*

*Għalhekk, is-sentenza appellata sabet lill-imputat ħati "fuq iċ-ċitazzjoni kif inhi", u kif inhi dik iċ-ċitazzjoni ssemmi biss "ħin", u mhux "lok", projbit. "Rebus sic stantibus", u "ex prima facie" tagħha, għalhekk, l-Ewwel Qorti sabet l-imputat ħati għax il-car ġie misjuq f'ħin projbit — dak li ma jirriżultax, u lanqas ma hu pretiż mill-Prosekuzzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli f'Rabat Road, fl-4 ta' Ottubru 1958, f'xi s-2.45 p.m., ippermetta lil Francis Ebejer isuq car 10839 mingħajr liċenza mill-Pulizija tas-sewqan, billi saq l-istess

car f'ħin projbit bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-liċenza biex jitgħallem isuq, u b'hekk ma kienx kopert bil-polza tas-sigurtà jew garanzija dwar riskji ta' terzi persuni skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza XXXVI tal-1939, u għaldaqstant il-Prosekuzzjoni talbet li jiġi skwalifikat li jkollu jew jieħu ebda liċenza tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax il-xahar jew aktar, skond l-art. 3(2) tal-istess Ordinanza;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-24 ta' Novembru 1958, li biha sabitu ħati u kkundannatu £5 multa, u skwalifikatu milli jkollu liċenza tas-sewqan għall-sena mill-lum;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-bażi kollha tal-imputazzjoni hi dik li l-"learner driver" Ebejer saq il-car in forza tal-"Learner's Licence" f'ħin projbit. Tant jingħad espressament fiċ-ċitazzjoni;

Il-Maġistrat sabu ħati "skond" iċ-ċitazzjoni; għaliex la ċ-ċitazzjoni ma ġiet b'xi mod korretta, u lanqas jingħad xort'oħra fis-sentenza li minnha hemm appell;

Issa, l-istess Prosekuzzjoni ddikjarat, f'din is-sede tal-appell, li l-provi tagħha ma humiex fis-sens li l-car ġie misjuq f'ħin mhux kopert bil-liċenza, imma li ġie misjuq f'post li ma kienx kompriż fil-lokalità li għaliha ġiet ristretta dik il-liċenza;

Ebda prova, għalhekk, ma hemm li l-car ġie misjuq barra l-"ħinijiet' indikati għat-tergo tal-liċenza fol. 9;

Ma hux il-każ li tiġi permessa l-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni in sedi ta' appell; għaliex is-sentenza appellata sabitu ħati "fuq iċ-ċitazzjoni kif inhi", u, kif inhi, dik iċ-ċitazzjoni

ssemmi "ħin". u mhux "lok", projbit. "Rebus sic stantibus", u "ex facie" tagħha, għalhekk, l-Ewwel Qorti sabet l-imputat ħati għax il-car ġie misjuq f'ħin projbit — dak li ma jirriżultax, u anzi lanqas hu pretiż mill-Prosekuzzjoni;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.